**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 6 ta` Gunju 2019**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 153/2019 JZM**

**Rosanne Micallef 488278M**

***kontra***

**(i) Maged Fawzy Shokry Iskandar xi drabi indikat bhala Exkandar (ID20947A)**

**u martu (ii) Hyman Yakoub Mesak Ghbryal (ID20953A)**

**(iii) Mohsen Eskandar (ID43805A)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat li kienet prezentat bil-procedura sommarja specjali fit-<u>18 ta` Frar 2019</u> li jaqra hekk :–

***Illi*** *l-esponenti tezercita l-kummerc taht l-isem 'Ta` Jimmy Food Packing' ;*

***Illi*** *l-intimati huma debituri certi likwidi u dovuti tar-rikorrenti fl-ammont ta`* ***erbgha u ghoxrin elf tmien mija u sitta u sittin euro u sebgha u hamsin centezmu (€24,866.57)*** *rappresentanti hlas ta` prezz ta` diversi oggetti ta` l-ikel mibjugha u kkonsenjati lill-intimati kif jirrizulta mil-fattura ffirmata mil-intimat Maged hawn annessa Dok A ;*

***Illi*** *nonostante interpellati l-intimati baqghu inadempjenti ;*

***Illi*** *ghalhekk l-ammont dovut mil-intimati huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament ta` l-istess ;*

***Illi*** *jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta`Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza ;*

***Jghidu*** *ghalhekk l-intimati il-ghaliex, dina l-Qorti ma ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi, u in vista ta` l-affidavit guramentat u hawn unit (Dok RM) :*

*1.* ***Tikkundanna*** *lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta`* ***erbgha u ghoxrin elf tmien mija u sitta u sittin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€24,866.57)*** *bl-imghax skond il-ligi; u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta` Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Lijijiet ta` Malta;*

*Bl-ispejjes tal-presenti, kontra l-intimati minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat id-dokument li kien prezentat mar-rikors guramentat.

Rat ukoll il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` April 2019.

Rat illi fl-istess udjenza billi kienet tal-fehma li l-konvenuti ghandhom *prima facie* eccezzjonijiet fil-fatt x`igibu kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, il-konvenuti nghataw ghoxrin gurnata zmien sabiex jipprezentaw risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza ta` wara u cioe` dik tal-20 ta` Mejju 2019.

Rat illi mill-atti ma rrizultax li l-konvenuti pprezentaw risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar, kif ukoll ix-xiehda ta` Bruno Zahra.

Semghet ukoll it-talba tal-attrici sabiex tqis lit-tliet konvenuti bhala kontumaci.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum sabiex tippronunzja ruhha dwar il-kontumacja o meno tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra.

## II. Fatti

Il-kawza kienet istitwita bil-procedura sommarja specjali.

Fl-ewwel udjenza tal-kawza u cioe` dik tal-25 ta` April 2019, wara li semghet lill-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar, u billi kienet tal-fehma li l-konvenuti ghandhom *prima facie* eccezzjonijiet fil-

fatt x`igibu kontra l-mertu tal-azzjoni attrici, il-Qorti tat lill-konvenuti ghoxrin gurnata zmien sabiex jipprezentaw risposta guramentata.

It-terminu ghall-presentata tar-risposta guramentata ghalaq fil-**<u>15 ta` Mejju 2019</u>**.

Fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2019, kien kostatat illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta guramentata.

Il-Qorti sejhet lill-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar sabiex jiddeponi dwar ir-ragunijiet ghala ma kenitx prezentata r-risposta guramentata.

**<u>Fil-qosor</u>**, il-konvenut **<u>Maged Fawzy Shokry Exkandar</u>** xehed li r-risposta guramentata ma kenitx prezentata ghaliex il-konvenuti ma kellhomx flus mnejn ihallsu l-prezentata tal-att. Kompla jghid illi huwa mar biex jitkellem mal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali. Kien l-14 ta` Mejju 2019. L-ghoxrin gurnata biex tkun prezentata r-risposta guramentata ma kienux ghaddew. Skont dan il-konvenut, kien ghad fadal tlitt ijiem biex jaghlqu l-ghoxrin jum. Qabel mar l-Agenzija, kellem lill-Av. Noel Bianco. Dan hadu l-Agenzija dakinhar stess. Kellem lill-Manager li qallu li kien hemm formoli x`jimtlew u dokumenti x`jingiebu. Ghalkemm gabar id-dokumenti, kien ghadu ma hadhomx l-Agenzija. Stqarr illi jippossjedi propjeta` u cioe` d-dar fejn joqghod. Ghamel konvenju biex ibiegh id-dar ghall-prezz ta` €650,000. Fuq id-dar hemm dejn mal-bank.

Fl-istess udjenza, issejjah mill-Qorti biex jixhed ukoll **<u>Bruno Zahra</u>**, Manager – Legal Aid Malta. Meta deher, Zahra stqarr illi fl-awla kien qed jaghraf lill-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar. Xehed li dakinhar stess li kien jaghlaq it-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata, dan il-konvenut mar l-Agenzija u ha mieghu d-dokumenti tal-kawza. Kien infurmat mir-reception li ma` l-konvenut kien mar avukat li pero` baqa` barra meta huwa tkellem mal-konvenut. Il-konvenut talab is-servizz tal-ghajnuna legali. Ix-xhud wiegbu : " … *qabel ma naghtuk il-Legal Aid bilfors irridu naghmlu l-means test. Il-means test jirrikjedi li trid iggibilna certu dokumenti u nivverifikawhom …".* Stqarr illi l-process ta` verifika jiehu z-zmien tieghu. Mistoqsi dwar il-hin li mar il-konvenut, Zahra wiegeb : " … *ahna n-nies narawhom bejn id-9 am u 12 am."* Ix-xhud sahaq illi lill-konvenut qallu li t-terminu kien se jaghlaq dakinhar stess. U zied illi :

*"ghedtlu ahna lilna ma tistax izzomna responsabbli jekk jigri xi haga f`din il-kawza."* Il-kriterji sabiex persuna tkun tista` tinghata ghajnuna legali huwa stabbiliti bl-Art 912B tal-Kap 12. Ix-xhud kien mistoqsi wkoll jekk meta tkellem il-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar kienx qieghed jitkellem ghalih biss jew ghal haddiehor ukoll. Zahra wiegeb li tkellem ghalih. Eskluda b`mod kategoriku illi lill-konvenut tah x`jifhem li t-talba tieghu kienet sejra tkun milqugha. Eskluda dan propju ghaliex dak kien l-ewwel inkontru u kien ghad kellu jsir il-*means test* wara li jingiebu d-dokumenti.

Wara li nghataw iz-zewg deposizzjonijiet, l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jitqiesu kontumaci.

## III. <u>Dritt</u>

**<u>L-Art 170(2) tal-Kap 12</u>** ighid :-

*Meta l-konvenut jirnexxilu … meta jissodisfa lill-qorti li huwa ghandu eccezzjoni prima facie biex jopponi t-talba … jinghata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin jum mid-data tal-ordni msemmi fis-subartikolu (4), f'liema kaz il-konvenut ghandu jhares id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 158 sa fejn dan ighodd.*

**<u>L-Art 170(4) tal-Kap 12</u>** ighid :-

*Id-digriet dwar il-permess hawn fuq imsemmi jinghata bil-fomm, u tieghu jitnizzel notament fl-atti tal-kawza.*

Skont l-**<u>Art 158(10) tal-Kap 12</u>**, *jekk il-konvenut jonqos li jipprez̀enta r-risposta g̀uramentata … il-qorti tiddec̀iedi l-kawz̀a bhallikieku l-konvenut baqa' kontumac̀i kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti rag̀uni tajba li ghaliha naqas li jipprez̀enta r-risposta g̀uramentata fiz̀-z̀mien li jmiss. Il-qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut z̀mien qasir li ma jistax jig̀g̀edded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jig̀u notifikati lill-attur li jkollu z̀mien qasir biex jirrispondi.*

## IV. <u>**Gurisprudenza**</u>

Il-gurisprudenza taghna hija konkordi dwar il-principji li jirregolaw il-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dwar dawn il-principji hemm ampja riferenza fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Marzu 2015 fil-kawza **"<u>Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et</u>"** fejn inghad hekk :-

*"Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja :-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja ;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza ;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta ;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu ;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill- volonta` tal-kontumaci ;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili" ;*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d- diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Kif intqal fis-sentenza **<u>Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia</u>** (A.C. 16 ta' Frar 1996) :-*

*"F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua*

*damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd</u>**", deciza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li :-*

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici," deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)*

## V. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ghalkemm fl-udjenza tal-25 ta` April 2019, il-konvenuti nghataw permess sabiex jipprezentaw risposta guramentata, dan l-att baqa` ma giex prezentat minn ebda wiehed mit-tliet konvenuti. Fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2019, ir-raguni li gab il-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar ghan-nuqqas ta` prezentata tar-risposta guramentata kienet ghaliex ma kellux flus.

**Wara li semghet ix-xiehda, din il-Qorti tiddikjara ruhha bhala mhux sodisfatta li l-konvenuti kellhom raguni tajba biex ma jipprezentawx risposta guramentata.**

Tghid dan abbazi tal-konsiderazzjonijiet li gejjin :

1. <u>Id-decizjoni tal-konvenuti li ma jipprezentawx ir-risposta guramentata kienet volontarja</u> :

It-tliet konvenuti kienu jafu li b`effett mill-20 ta` April 2019 huma kellhom ghoxrin jum biex jipprezentaw risposta guramentata. Fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2019 kien dikjarat mill-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar li ma kenitx prezentata r-risposta guramentata ghaliex ma kellux flus. Iz-zewg konvenuti l-ohra huma siekta dwar dan il-punt.

Jirrizulta li l-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar mar ghand Legal Aid Malta dakinhar li kellha tkun prezentata r-risposta guramentata. Mar hemm ma` avukat li pero` qaghad barra mill-inkontru li Maged Fawzy Shokry Exkandar kellu ma` Bruno Zahra.

Jirrizulta li dan il-konvenut tkellem ghalih biss mhux ukoll ghaz-zewg konvenuti l-ohra. Dwar dan, Zahra kien car hafna fix-xiehda tieghu. Il-posizzjoni li hadet Legal Aid Malta dakinhar kienet daqstant cara u cioe` li Maged Fawzy Shokry Exkandar ma kellu jassumi xejn li se jigi kkunsidrat ghall-ghajnuna legali ghaliex l-ewwel kellhom jigi sodisfatti u ppruvati b`dokumenti l-kriterji tal-eligibilita` stabbiliti mil-ligi.

Jirrizulta li meta telaq minn din il-laqgha, il-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar kien jaf li ma kellux ghajnuna legali f`idejh. Ghalhekk kienet ghazla tieghu li ma jipprezentax ir-risposta guramentata sat-3.00 pm ta` dakinhar stess.

Ir-risposta guramentata baqghet ma gietx prezentata la minnu u lanqas miz-zewg konvenuti l-ohra.

2. <u>Il-fatt li ma kenitx prezentata r-risposta guramentata mill-konvenuti kollha kienet att kolpuz</u> :

Apparti l-fatti diga` mfissra, li jghoddu anke hawn, huwa att kolpuz ghall-ahhar li minghajr spjegazzjoni ta` xejn il-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar imur biss fl-ahhar mill-ghoxrin gurnata li kellu ghad-disposizzjoni tieghu biex jipprezenta r-risposta guramentata biex jindaga setax jinghata ghajnuna legali.

Huwa kurjuz ghall-ahhar li ma marx wahdu ghand Legal Aid Malta izda kien akkumpanjat minn avukat li pero` baqa` barra mil-laqgha li Maged Fawzy Shokry Exkandar kellu ma` Bruno Zahra. X`aspettattivi nghata x`jifhem dan il-konvenut minn dak l-avukat jibqa` mhux maghruf.

Jibqa` l-fatt illi rinfaccjat bir-risposta kategorika li nghata minn Bruno Zahra, il-konvenut baqa` ma ghamel xejn aktar.

3. Il-konvenuti ma ppruvawx gusta kawza biex ma jipprezentawx ir-risposta guramentata :

Apparti l-fatti diga` esposti, li jghoddu wkoll ghal dan, ma tirrizultax il-prova ta` gusta kawza da parti tat-tliet konvenuti li ma jipprezentawx ir-risposta guramentata.

Din il-prova kienet tinkombi lill-konvenuti.

4. Ma rrizultax impediment legittimu ghall-konvenuti bhala gusta kawza talli ma jipprezentawx ir-risposta guramentata, impediment tax-xorta li seta` kien indipendenti mill-volonta` taghhom

Apparti l-fatti diga` esposti, li jghoddu anke hawn, jekk l-impediment tal-konvenuti se jkun mifhum li kien nuqqas ta` flus biex tithallas il-prezentata tar-risposta guramentata, allura lanqas din il-prova ma tirrizulta b`mod sodisfacjenti.

Dan qed jinghad ghaliex kontra l-istqarrija ta` l-konvenut Maged Fawzy Shokry Exkandar li ma kellux flus, kien hemm fl-istess nifs stqarrija daqstant cara tal-istess konvenut li kellu konvenju ghall-bejgh ta` propjeta` tieghu li obbliga ruhu li jbiegh lil terzi ghall-prezz ta` €650,000.

5. Fil-kaz tal-lum, ma kienx invokat mill-konvenut l-izball bhala raguni ghala ma kenitx prezentata r-risposta guramentata.

6. Lanqas ma tissussisti fil-kaz tal-lum xi sembjanza ta`

impossibilita` jew diffikulta` fisika jew morali biex ma tkunx prezentata r-risposta guramentata.

**In konkluzjoni, abbazi tal-fatti u cirkostanzi, kif irrizultaw fil-kaz tal-lum, il-konvenuti ghandhom jitqiesu fi stat ta` kontumacja.**

**Decizjoni**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tiddikjara illi t-tliet konvenuti huma kollha kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**L-ispejjez ta` din id-decizjoni jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Thalli l-kawza ghall-provi tal-attrici ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 4 ta` Lulju 2019 fl-10.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**